

**DIRETTIVA TA' DELEGA TAL-KUMMISSJONI 2014/74/UE****tat-13 ta' Marzu 2014**

**li temenda, għal skopijiet ta' adattament għall-progress tekniku, l-Anness IV tad-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' eżenzjoni għal ċomb użat f'sistemi ta' konnetturi tal-pinnijiet oħra li mhumiex dawk konformi mas-C-press għal sistemi ta' monitoraġġ u kontroll industrijali**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar ir-restrizzjoni tal-użu ta' ċerti sustanzi perikolużi fit-tagħmir elettriku u elettroniku, <sup>(1)</sup> u b'mod partikolari l-Artikolu 5(1)(a) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 2011/65/UE tipprojbixxi l-użu taċ-ċomb fit-tagħmir elettriku u elettroniku mqiegħed fis-suq.
- (2) Sistemi ta' konnetturi tal-pinnijiet konformi jintużaw f'digitizzaturi tal-veloċità għolja, f'sorsi tal-frekwenza tar-radju u tas-sinjali tal-mewġ, u f'tagħmir tat-test mingħajr fili. S'issa s-sistemi ta' konnetturi tal-pinnijiet konformi mingħajr ċomb ma jintużawx fi strumenti ta' monitoraġġ u kontroll industrijali (IMCIs). L-IMCIs għandhom rekwiżiti għall-prestazzjoni u għall-affidabbiltà li huma ogħla minn dawk ta' tagħmir elettriku u elettroniku ieħor, u l-affidabbiltà ta' sostituti mingħajr ċomb mhijiex żgurata f'dawn il-kundizzjonijiet.
- (3) Għaldaqstant, sabiex il-manifatturi jkunu jistgħu jagħmlu komponenti mingħajr ċomb li jkunu prattiċi mil-lat tekniku u sabiex ikunu jistgħu juru biżżejjed l-affidabbiltà tagħhom meta jintużaw fl-IMCIs, l-użu taċ-ċomb f'sistemi ta' konnetturi tal-pinnijiet oħra li mhumiex dawk konformi mas-C-press għal strumenti ta' monitoraġġ u kontroll industrijali għandu jiġi eżentat mill-projbizzjoni sal-31 ta' Diċembru 2020. Fid-dawl taċ-ċikli ta' innovazzjoni għall-IMCIs, dan huwa perjodu ta' tranżizzjoni relattivament qasir li probabbli ma jkollu l-ebda impatt negattiv fuq l-innovazzjoni.
- (4) Skont il-prinċipju ta' "sewwi għal-livell tal-produzzjoni" (repair-as-produced) tal-Artikolu 4(4) tad-Direttiva 2011/65/UE, li huwa maħsub biex jestendi l-ħajja ta' prodotti konformi għaladarba dawn jitqiegħdu fis-suq, il-partijiet ta' rikambju għandhom jibbenefikaw minn din l-eżenzjoni anki wara d-data tat-tmiem tagħha, mingħajr restrizzjonijiet ta' żmien.
- (5) Għaldaqstant, id-Direttiva 2011/65/UE għandha tiġi emendata skont dan,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

L-Anness IV tad-Direttiva 2011/65/UE huwa emendat kif stipulat fl-Anness ta' din id-Direttiva.

*Artikolu 2*

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex ikunu konformi ma' din id-Direttiva mhux aktar tard mill-aħħar jum tas-sitt xahar wara d-dħul fis-seħħ. Huma għandhom minnufih jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jirreferu għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati mit-tali referenza fil-waqt tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir it-tali referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jaddottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

<sup>(1)</sup> ĠUL 174, 1.7.2011, p. 88.

*Artikolu 3*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

*Artikolu 4*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Marzu 2014.

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
José Manuel BARROSO

---

*ANNEX*

Fl-Anness IV tad-Direttiva 2011/65/UE, jiżdied il-punt 36 li ġej:

“36. Iċ-ċomb użat f'sistemi ta' konnetturi tal-pinnijiet oħra li ma jkunux dawk konformi mas-C-pess għal strumenti ta' monitoraġġ u kontroll industrijali.

Tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2020. Jista' jintuża wara din id-data f'partijiet ta' rikambju għal strumenti ta' monitoraġġ u kontroll industrijali mqiegħda fis-suq qabel l-1 ta' Jannar 2021.”

---